**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Rosario Cortis

Vs

Lawrence Catania

CCT 185/20/MM

Illum, 27 ta' Settembru 2022

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fit-2 ta' Diċembru 2020 fejn talab is-somma ta' elf u mija u ħamsin Ewro (€ 1150), prezz ta' *air condition unit* mixtri mingħand l-intimat nhar il-31 ta' Lulju 2015 u dan wara li allegatament l-istess *ac unit* żviluppa ħsara tant li ma baqax ikessaħ.

Ra r-risposta ta' Lawrence Catania li permezz tagħha eċċepixxa illi t-talbiet attriċi humwa infondati fil-fatt u fid-dritt; illi l-intimat dejjem wera l-intenzjoni tiegħu li jagħmel it-tiswijiet neċessarji; illi l-fatt li l-attur xtara *air conditioner* ġdid huwa totalment irrilevanti għal dawn il-proċeduri; illi jekk l-*air conditioner* mibjugħ ġratlu l-ħsara liema ħsara kien hemm bżonn li għaliha tiġi ordnata part minn barra minn Malta, dan żgur m'huwiex attribwibbli lill-konvenut, speċjalment tenut kont taż-żmien illi kien għadda minn fuq l-istess *air conditioner* u *wear and tear* wara ħames (5) snin ta' użu huwa mistenni; illi in oltre l-fatt li kellha ssir komunikazzjoni ġdida minħabba li l-attur xtara *air conditioner* ġdid għal darb'oħra m'għandhiex tkun attribwibbli għall-konvenut u m'għandha x'taqsam xejn ma' dawn il-proċeduri; illi l-konvenut ukoll joġġezzjona għall-ammont mitlub mill-attur stante li għadda kważi ħames (5) snin minn meta l-*air conditioner* inxtara mingħandu u jekk kien dovut xi servizz, kien dik biss tat-tiswija li huwa dejjem kien dispost illi jagħmel. Ċertament wara li bniedem jagħmel użu għal kważi ħames (5) snin sħaħ, żgur li d-dritt tiegħu ma jkunx għall-ammont kollu li għalih ikun xtara l-oġġett.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi bil-ġurament tiegħu r-rikorrenti jsostni li huwa kien qiegħed jitlob l-ammont kollu tal-*ac unit.* Hu jgħid li l-ħsara żviluppat minħabba li l-intimat kien għamillu sistema ta' pajpijiet tal-*copper* ħażina lil ma kienetx tiflaħ għal 24 BTU. Prova ta' dan huwa jippreżenta *pipe* u jispjega li minkejja li hu ma jifhimx, meta ġab in-nies, ċertu Melvin li jaħdem mal-Panasonic, kien tgħarrfu b'dan kollu. Hu jammetti wkoll li l-garanzija kien fadlilha biss xi jiem biex tiskadi u minkejja dan l-intimat kien ġie fuq il-post diversi drabi sabiex jipprova jirranġalu l-ħsara. Hu jżid ukoll pero' li wara trepass ta' tliet (3) ġimgħat fejn kien mgħarraf lilu li kellu jistenna mill-aġent minn barra, ir-rikorrenti ma riedx jibqa' a minghajr *ac unit.* Meta r-rikorrenti ġie biex iwaħħal il-*unit* il-ġdid l-intimat kien offrielu li jinstallahulu b'xejn.

Min-naħa l-oħra, l-intimat jiċħad li kien hemm xi problema fil-pajpijiet tal-blokka fejn ġew installati l-*ac units.* Huwa jisħaq li r-rikorrenti kien installalu diversi *a cunits* u se mai kien wieħed biss li allegatament irriżultawlu problemi ftit jiem qabel l-għeluq tal-garanzija. Dan il-fatt ġie ammess mir-rikorrenti in kontro-eżami fejn stqarr li l-intimat kien waħħallu madwar disa' (9) *ac units* fl-istess blokka. L-intimat jistqarr li minkejja li kien fadal xi jumejn biss sabiex tiskadi l-garanzija huwa għamel ħiltu kollha biex isewwilu l-istess *unit* iżda ġara li r-rikorrenti nsista li jrid *ac unit* ġdid u di fatti qabad u xtara wieħed ġdid.

Ikkunsidra

Illi fl-ewwel lok tajjeb li jiġi ċċarat il-fatt li t-Tribunal m'huwiex dispost jaċċetta u lanqas jidħol fit-teżi għaliex dan l-*ac unit* seta' ġarrab ħsara. Dan jingħad fl-ewwel lok minħabba li t-Tribunal ma jistax jaċċetta suppożizzjonijiet dwar l-allegata installazzjoni ħażina tal-pajpiet meta mhux biss ir-rikorrenti stqarr li huwa ma jifhimx iżda qed jistrieħ biss fuq 'x'qalulu' iżda wkoll minħabba li din ma ġiet korraborata bl-ebda xhieda teknika.

Illi in oltre, bħala prinċipju bażilari, u dan kif konċess mill-istess rikorrenti fit-trattazzjoni tal-abbli difensur tiegħu tiegħu stess, il-konsumatur għandu l-ewwel jaċċetta tiswija u mhux jgħaddi mill-ewwel sabiex jixtri oġġett ġdid u ta' dan huwa jippretendi ħlas.

Illi fil-każ odjern ħareġ ampjament li l-intimat għamel ħiltu kollha sabiex huwa jwettaq it-tiswijiet fuq dan l-istess *unit,* iżda jekk ir-rikorrenti ma riedx raġonevolment jistenna sabiex dawn jitwettqu,

ta' dan m'għandux jeħel l-intimat, wisq u wisq inqas meta r-rikorrenti lanqas qed iqis li huwa gawda mill-oġġett għal dawn l-aħħar ħames snin neqsin xi jumejn mingħajr problemi.

Għalhekk, it-Tribunal jiddeċiedi billi jiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru